

22000D0921(01)

L 237/58

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.9.2000

**DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 48/2000****tal-31 ta' Mejju 2000**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza għaliha bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) l-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 42/2000 tad-19 ta' Mejju 2000 (¹),
- (2) id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar l-apparat tar-radju u apparat terminali tat-telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent komuni tal-konformità tagħhom (²) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim;
- (3) id-Direttiva 1999/5/KE tirrevoka, b'effett mit-8 ta' April 2000, id-Direttiva 98/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 1998 dwar l-apparat terminali tat-telekomunikazzjonijiet u l-apparat ta' l-earth station tas-satellita, inkluż ir-rikonoxximent komuni tal-konformità tagħhom (³) li hija nkorporata fil-Ftehim u li għalhekk għandha tinbidel bid-Direttiva 1999/5/KE;
- (4) L-addattament għad-Direttiva tal-Kunsill 73/23/KEE tad-19 ta' Frar 1973 dwar l-armonizzazzjoni tal-ligħiġiet ta' l-Istati Membri dwar apparat elettriku iddisinjat għal użu fi ħdan ċerti limiti ta' vultaġġ jeh-tieġ jiġi aġġustat wara l-adeżjoni ta' l-Awstrija, tal-Finlandja u ta' l-Isvezja għall-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

**Artikolu 1**

It-test tal-punt 4zg (Direttiva 98/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Kapitolu XVIII ta' l-Anness II għal-Ftehim għandu jiġi mibdul b'li ġej:

**"399 L 0005:** Id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar l-apparat tar-radju u apparat terminali tat-telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent komuni tal-konformità tagħhom (ĠU L 91, tas-7.4.1999, p. 10)."

(¹) ĠUL 174, tat-13.7.2000, p. 53.

(²) ĠU L 91, tas-7.4.1999, p. 10.

(³) ĠU L 74, tat-12.3.1998, p. 1.

*Artikolu 2*

Il-punt 1 (Direttiva tal-Kunsill 73/23/KEE) fil-Kapitolu X ta' l-Anness II għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud:
  - “– **399 L 0005:** Id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 (ĠU L 91, tas-7.4.1999, p. 10).”;
2. Fl-addattament, il-kelmiet “Il-Finlandja,” u “u l-Isvezja” għandhom jitħassru.

*Artikolu 3*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 6 (Direttiva tal-Kunsill 89/336/KEE) fil-Kapitolu X ta' l-Anness II għall-Ftehim:

- “– **399 L 0005:** Id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 (ĠU L 91, tas-7.4.1999, p. 10).”

*Artikolu 4*

It-testi tad-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubbliki fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Ġunju 2000, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Kongħunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, fil-31 ta' Mejju 2000.

*Għall-Kumitat Kongħunt taż-ŻEE*

*Il-President*

F. BARBASO

---

(\*) Ebda htigjet kostituzzjonali indikati.